



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 97/23

Il-Lussemburgu, 8 ta' Ġunju 2023

Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali fil-Kawża C-457/21 P | Il-Kummissjoni vs Amazon.com et

Deċiżjoni fiskali antiċipata: Fil-fehma tal-Avukata Ġenerali Kokott, il-Kummissjoni kkonstatat b'mod żbaljat li l-Lussemburgu kien alloka għajna mill-Istat mhux awtorizzata lil Amazon fil-forma ta' vantaġġi fiskali

Sabiex tevalwa jekk kienx hemm vantaġġ fiskali selettiv, il-Kummissjoni bbażat ruħha b'mod żbaljat fuq sistema ta' referenza, jiġifieri l-Linji Gwida dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti, minflok fuq id-dritt Lussemburgiż

B'deċiżjoni tal-4 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni ddikjarat li l-Lussemburgu kien alloka għajna mill-Istat mhux awtorizzata abbażi ta' deċiżjoni fiskali antiċipata tal-2003.

Fdik id-deċiżjoni fiskali antiċipata, l-awtoritajiet fiskali Lussemburgiżi taw deċiżjoni dwar l-ammont xieraq ta' royalty bejn żewġ sussidjarji Lussemburgiżi tal-grupp Amazon. L-ammont ta' din ir-royalty jaffettwa l-impożizzjoni tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpanniji ta' Amazon EU S.à.r.l, li hija stabbilita fil-Lussemburgu. Iktar ma tkun għolja r-royalty, inqas ikun hemm impożizzjoni ta' taxxa fuq id-dħul tal-kumpanniji fil-Lussemburgu.

Għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-royalty xierqa, il-Lussemburgu u Amazon.com ibbażaw ruħhom fuq metodu speċifiku li ġie miftiehem reċiprokament. Il-Kummissjoni qieset li l-ftehim dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti kien jikkostitwixxi għajna mill-Istat sa fejn, fil-fehma tagħha, ma kienx konsistenti mal-prinċipji ta' kompetizzjoni libera tal-OECD. Il-Kummissjoni għamlet il-kalkolu tagħha stess sabiex tiddetermina l-ammont xieraq tar-royalty abbażi ta' metodu differenti, liema kalkolu rriżulta f'royalty iktar baxxa. Peress li dan kien jirriżulta f'piż ogħla ta' taxxa fuq id-dħul tal-kumpanniji, tqies li d-deċiżjoni fiskali antiċipata kienet allokata vantaġġ selettiv lis-sussidjarja li tħallas ir-royalty.

Il-Lussemburgu u Amazon ressqu kawża quddiem il-Qorti Ġenerali intiża għall-annullament ta' dik id-deċiżjoni. Il-Qorti Ġenerali annullat dik id-deċiżjoni tal-Kummissjoni permezz tas-sentenza tagħha tat-12 ta' Mejju 2021¹. Il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tikkonstata, abbażi tal-Linji Gwida tal-OECD, li d-determinazzjoni tal-ipprezzar tat-trasferimenti kienet żbaljata. Il-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet li l-piż fiskali tnaqqas artifiċjalment bħala konsegwenza tas-sopravalutazzjoni tar-royalty. Il-kwistjoni dwar jekk il-prinċipji ta' kompetizzjoni libera tal-OECD jistgħux effettivament ikunu s-sistema ta' referenza għall-evalwazzjoni ta' għajna mill-Istat ma kinitx is-suġġett tat-tilwima quddiem il-Qorti Ġenerali.

Il-Kummissjoni appellat minn din is-sentenza tal-Qorti Ġenerali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fil-konklużjonijiet tagħha tal-lum, l-Avukata Ġenerali Juliane Kokott tipproponi li l-appell tal-Kummissjoni

¹ Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Kawża magħquda Il-Lussemburgu vs Il-Kummissjoni u Amazon EU u Amazon.com vs Il-Kummissjoni, [T-816/17](#) u [T-318/18](#); ara wkoll stqarrija għall-istampa [Nr. 79/21](#).

jiġi miċħud u, konsegwentement, li tiġi kkonfermata s-sentenza tal-Qorti Ġenerali li kienet annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, mhux fir-rigward tal-motivazzjoni tagħha, iżda fir-rigward tar-riżultat tagħha.

Peress li l-kwistjoni dwar l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv hija marbuta mill-qrib mal-kwistjoni dwar jekk is-sistema ta' referenza ġietx iddeterminata b'mod korrett, din l-aħħar kwistjoni għandha tiġi eżaminata f'dan l-appell, minkejja li la l-Lussemburgu u lanqas Amazon ma qajmu tali kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali u minkejja li l-Qorti Ġenerali ma eżaminathix. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement ikkonstatat fis-sentenza tagħha Fiat Chrysler ², li fl-evalwazzjoni dwar jekk hemmx vantaġġ selettiv u dwar il-piż fiskali li għandu normalment jiġi sostnut minn kumpannija, ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni l-parametri u r-regoli esterni għas-sistema fiskali nazzjonali, għajr jekk dik is-sistema fiskali nazzjonali tkun tagħmel riferiment espress għalihom.

Madankollu, il-Kummissjoni, fl-evalwazzjoni tal-ammont xieraq tar-royalty, ibbażat ruħha esklużivament fuq il-Linji Gwida dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti, għalkemm meta ġiet adottata d-deċiżjoni fiskali antiċipata, id-dritt Lussemburgiż ma kienx jirreferi għal dawn il-linji gwida. Għaldaqstant, **il-Kummissjoni naqset b'mod żbaljat milli tieħu d-dritt Lussemburgiż bħala s-sistema ta' referenza rilevanti għall-evalwazzjoni tagħha ta' vantaġġ selettiv. Bħala konsegwenza ta' dan l-iżball, il-kunsiderazzjonijiet kollha sussegwenti tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni huma vvizzjati bi żball ta' liġi. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kienet korrettament annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni inkwistjoni - għalkemm għal raġunijiet oħra - fl-assenza ta' vantaġġ selettiv stabbilit.** Il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex meħtieġa tiddeċiedi dwar jekk dawn ir-raġunijiet l-oħra - li l-Kummissjoni tikkontesta espressament fl-appell tagħha - humiex vijabbli.

Anki li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja tqis lilha nnifisha marbuta bl-għażla tas-sistema ta' referenza skorretta, l-argument tal-Kummissjoni jkun infondat. Fil-fehma tal-Avukata Ġenerali, **il-metodu magħżul fid-deċiżjoni fiskali antiċipata Lussemburgiża, inkluż jekk jiġu applikati l-Linji Gwida dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti, ma kienx metodu manifestament skorrett** u lanqas ma ġie applikat b'mod manifestament skorrett. **Madankollu, fid-dawl tal-awtonomija fiskali tal-Istati Membri, huma biss deċiżjonijiet fiskali antiċipati li huma manifestament żbaljati favur il-persuni taxxabli, li jistgħu madankollu jikkostitwixxu vantaġġ selettiv** ³. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni lanqas ma setgħet tistabbilixxi fid-deċiżjoni tagħha li d-deċiżjoni fiskali antiċipata kienet tikkostitwixxi vantaġġ fiskali favur Amazon.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddelibraw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja flappell..

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

² Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Novembru 2022 fil-kawża magħquda Fiat Chrysler Finance Europe vs Il-Kummissjoni u l-Irlanda vs Il-Kummissjoni, [C-885/19 P u C-898/19 P](#); ara wkoll stqarrija għall-istampa [Nr. 178/22](#).

³ Ara wkoll il-Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott tal-4 ta' Mejju 2023 fil-kawża Engie Global LNG Holding et vs Il-Kummissjoni u l-Lussemburgu vs Il-Kummissjoni, [C-454/21 P u C-451/21 P](#); ara wkoll stqarrija għall-istampa [Nr. 73/23](#).

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

